422 PA

19 ta' Novembru 2019

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL RECEIVED 21 NOV 2019 FLORIANA

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/7143/18* |
| *Proposta:* | *Proposed construction of rabbit farm (inc. ancillary structures such as feed store, manure clamp and reservoir) and the planting of indigenous trees.* |
| *Post:* | *site at (Field) Tal-Providenza & Triq ta' San Niklaw, Siggiewi* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' Noel Vassallo mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2018 giet sottomessa din l-applikazzjoni intiza sabiex tinbena razett ghatt-trobbija tal-fniek.

II) Illi permezz ta decizjoni mehuda mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u ppublikata fis- 6 ta' Novembru 2019, l-istess Awtorita cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-unika l-ewwel raguni tar-rifjut hija irrilevanti u mhux applikabbli stante li il-proposta hija cara u in linea mal-policies vigenti u applikabbli.
2. Illi l-ispustjar tal-binja ghaz-zona indikata fl-ahhar pjanti kienet saret proprju fuq talba tal-Kummissjoni waqt l-ewwel seduta.
3. Illi dan l-ispustjar ma wassal ghall-ebda tehid ulterjuri ta' art agrikola minhabba l-accessi.
4. Illi minkejja dan, l-Awtorita cahdet l-istess applikazzjoni, u dan minkejja li certament ma kienx hemm bazi ghal tali rifjut.
5. Illi dak mitlub mill-AAC, li m' huwiex raguni ta' rifjut, huwa diga kontenut fir-rapporti sottomessi lill-istess Awtorita, u wiehed ma jistax jifhem kif l-istess AAC baqa ma tax il-kunsens tieghu ghall-proposta.
6. Illi minkejja dan, certament li ma hemmx bazi li l-applikazzjoni tigi rifjutata a bazi tar-raguni tar-rifjut.

7. Illi l-uzu propost huwa ben regolat minn policies ad hoc li lkoll jaghmulha cara illi l-uzu propost huwa accettabbli fil-kuntest tas-sit odjern.
8. Illi dan kif diga gie deciz f' numru ta' permessi diga approvati mill-istess Awtorita f' cirkostanzi simili.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xiedha:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**

**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**